-

FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar L-Erbgha 22 ta' Mejju , 2002

**Avviz Nru:562/01 PM**

**Forestals (Appliances) Ltd.**

**Vs**

**Hedi Betiaieb**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' seba mija u erbghin Lira Maltin, Lm740, dovuti skond kambjalaijiet wara bejgh ta' merkanzija;

Ra r-risposta tal-konvenut fis-sens li "l-azzjoni hija perenta stante li l-azzjoni ittentata mis-socjeta' attrici tista' tirnexxi biss bill-prezentata tal-kambjali originali", u li, "l-azzjoni hija infondata fill-fatt u fid-dritt kif jigi ppruvat";

Ra’ d-dokumenti ezebiti;

Ra l-atti tal-kawza;

Ra li gew ezebiti l-kambjali originali fis-seduta tal-25 ta’ Otturbru, 2001 u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ghanhda tigi michuda;

Ra li l-konvenut ma gabx raguni ghaliex it-talba attrici hija infondata. Anzi jidher li l-konvenut huwa debitur kif jirrizulta mill-kambjalijiet ezebiti;

Ghaldaqstant t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet u jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjes u bl-imghax mid-data li fihom jimmaturaw il-kambjali.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**